# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***


## Seduta numru 25 tas-7 Leġislatura
## Illum l-Erbgħa, 8 ta' April 2015

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 25 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa 8 ta' April 2015, fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Festa Frawli 2015
5. Żvilluppi fil-proġett ta' Wesgħat il-Ġublew
6. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Mario Sammut, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsiller Elizabeth Ebejer kif ukoll l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Sarah Chetcuti kienu skużati.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Paul Vella.

**1 Minuti**

**punti mill-minuti**

*dwar punt 3.3* : Eman Vella semma' li kienet ser toħroġ skema dwar ħitan tas-sejjieħ li għalihom il-Kunsill seta' japplika, basta jkun fi' sħab mal-bdiewa tal-post.

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati.

## 2. Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Amministratur Parrokkjali dwa l-iffurmar ta' kummissjoni għall-organizzazjoni tal-festa. il-Kunsill intalab ikun parti minn din il-Kummissjoni. Kien hemm qbil unaninimu li is-Sindku jirrappreżenta il-Kunsill fuq din il-Kummissjoni.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku informa li Triq il-Palma issa kienet lesta wara li ingħatat wiċċ ġdid tal-konkos.

3.2 Is-Sindku informa li kien daħal fis-seħħ il-kuntratt il-ġdid ma' Waste Collection Limited għall-ġbir ta' skart. Qed isir monitoring tiegħu sakemm is-servizz jindara biex jiġu evitati kemm jista' jkun l-inkonvenjenti għar-residenti.

## 4. Festa Frawli 2015

4.1 Mario Sammut poġġa għad-diskussjoni il-permess tal-ħwienet biex jarmaw imwejjed u siġġijiet barra dak in-nhar ta' Festa Frawli. Il-Kunsill qabel li jingħataw permessi għat-tul tal-faċċata u mejda waħda. Ġie deċiż ukoll li ma jkunx hemm barijiet barra.

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kienu saru il-permessi kollha neċċessarji mal-Pulizija kemm tad-Distrett kif ukoll mat-Taqsima tat-Traffiku, mal-Gwardjani Lokali u ma' Transport Malta u is-servizz ta' Trasport Pubbliku.

## 5. Żvilluppi fil-proġett ta' Wesgħat il-Ġublew

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li il-biċċa il-kbira tax-xogħol tal-proġett kien tlesta u issa kien jonqos biss ir-railings (li kienu qed jinħadmu), il-fencing (li kienet diġa' ġiet ordnata), id-dwal (li kienu ordnati) u il-bankijiet li kienu ser jeħlu fil-ġranet li ġejjin.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

**6. Affarijiet Mixxellanji**

6.1 is-Sindku informa li kien ser isejjaħ laqgħa mal-GreenMT biex jiġi esplorat servizz ta' titjieb għall-iskips.

6.2 Eman Vella informa li kienet ser issir attivita' fl-iskola San Andrea u il-Kunsill intalab sabiex joffri għajnuna. Eman Vella ser inkun qed ikellem lill-iskola sabiex jara x' tip ta' involviment ser ikun hemm bżonn.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fis-7:20pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 29 ta' April 2015, fil-5:30pm.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku